MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1276/1991/1

**Kontessa Maria Teresa Deguara Caruana Gatto**

**v.**

**Kummissarju ta' l-Artijiet.**

**Il-Qorti:**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI TA' L-ATTRICI

1. B’citazzjoni prezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Dicembru, 1991 l-attrici kienet ippremettiet li b’Rizoluzzjoni tat-18 ta’ Gunju, 1985 il-Kamra tad-Deputati kienet approvat dikjarazzjoni tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet, skond liema, art fil-limiti tal-Kalkara fost l-artijiet ohra giet dikjarata bhala arja ghall-izvilupp tal-bini; u li fost dina l-art hekk dikjarata kien hemm l-art proprjeta` ta’ l-attrici li tidher markata bil-kulur roza fuq l-annessa pjanta dokument X; u li b’Rizoluzzjoni ohra tas-26 ta’ April, 1988 li giet ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta’ l-1988 taht l-Avviz numru 623 il-Kamra tad-Deputati approvat dikjarazzjoni tal-Ministru ghall-Izvilupp ta’ l-Infrastruttura li biha d-dikjarazzjoni maghmula mill-Ministru tax-Xogholijiet u Djar approvata b’Rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fis-seduta numru 258 tat-18 ta’ Gunju, 1985 giet revokata safejn tirrigwarda l-artijiet murija fuq il-pjanti annessi ma’ din l-ahhar dikjarazzjoni tal-Ministru ta’ l-Izvilupp ta’ l-Infrastruttura u fosthom gew rilaxxjati ghalhekk l-artijiet fil-limiti tal-Kalkara maghrufa bhala “tal-Kappuccini” hlief ghall-parti minn dik l-art murija bl-ittra X fuq il-pjanta annessa mad-dikjarazzjoni maghmula mill-Ministru ghall-Izvilupp ta’ l-Infrastruttura; u li b’Rizoluzzjoni tas-17 ta’ Lulju, 1989 l-istess dikjarazzjoni regghet giet approvata mill-Kamra tad-Deputati; u li b’ittra tal-25 ta’ Lulju, 1989 l-attrici kitbet lill-konvenut biex jeffettwa t-trasferiment mehtieg; u li ghalhekk skond il-ligi l-art fuq imsemmija giet proprjeta` ta’ l-istess attrici giet rilaxxjata fl-ahhar dikjarazzjoni u l-konvenut kien fl-obbligu li jittrasferiha lilha lura; u li b’zewg ittri ufficjali wahda tas-6 ta’ Dicembru, 1990 u l-ohra tas-7 ta’ Frar, 1991 l-attrici interpellat lill-konvenut sabiex jirritorna lilha l-pussess tal-fuq imsemmija art fil-limiti tal-Kalkara gia` proprjeta` taghha u jaddivjeni ghall-att mehtieg b’trasferiment lura f’isimha ta’ l-art kollha minnu mehuda mill-pussess taghha; premess dan kollu, l-attrici talbet lill-Qorti sabiex il-konvenut il-Kummissarju ta’ l-Artijiet jigi kkundannat jittrasferixxi lura f’isimha l-art murija bir-roza fuq l-annessa pjanta mmarkata Dokument “A” li giet rilaxxjata skond il-precitata rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, li jigi nominat nutar biex jippublika l-att relattiv u kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-att in

kwistjoni, u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-Kummissarju ta' l-artijiet eccepixxa hekk:
"Illi r-Rizoluzzjoni tas-17 ta' Lulju, 1989, li ghaliha taghmel referenza l-attrici, ma saritx taht l-Att ta' l-1983 ta' l-Arja ghall-Izvilupp tal-Bini, imma taht l-Att dwar it-trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268), peress li l-art in kwistjoni kienet saret art tal-Gvern u ghalhekk it-trasferiment taghha favur l-attrici kien jirrikjedi Rizoluzzjoni tal-Parlament taht l-artikolu 3(1) tal-Kap. 268.

Illi tali Rizoluzzjoni irravivat ir- Rizoluzzjoni tas-27 ta' April, 1988 li taht l-Artikolu 3(2) (b) tal-Kap. 268 skadiet tlett xhur wara, u cioe` fis-27 ta' Lulju 1988.

Illi r-Rizoluzzjoni tas-17 ta' Lulju, 1989 ukoll skadiet tlett xhur wara, u cioe` fis-17 ta' Ottubru, 1989, u ma jidhirx li din giet imgedda, u lanqas l-attrici ma qeghda tallega hekk, u b'hekk l-esponent ma jistax legalment jigi ordnat jittrasferixxi l-art in kwistjoni favur l-attrici".

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili b'sentenza taghha ta' l-4 ta' Gunju, 1996 ddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ddikjarat li l-art in kwistjoni kienet saret ta' l-attrici ipso facto fis-6 ta' Settembru, 1988 u cioe` dakinhar li kienet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ir-rizoluzzjoni mghoddija mill-Kamra tad-Deputati fis-26 ta' April, 1988 u li ghalhekk ma kienitx ser tqis aktar it-talbiet ta' l-attrici, bl-ispejjez kontra l-istess attrici "billi l-kawza, kif maghmula, setghet ma saritx".

**LAPPELL TAL-KONVENUT**

4. Il-konvenut hassu aggravat minn din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-4 ta' Gunju, 1996 u interpona appell minnha fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi meta qalet li r-rizoluzzjonijiet tas-27 ta' Lulju 1988, u tas-17 ta' Lulju 1989, ma sarux taht l-Artikolu 3(1) (c) tal-Kap. 268 izda taht l-Artikolu 3(8) tal-Kap. 303 u li l-art saret ta' l-attrici permezz tar-

rizoluzzjoni tas-26 ta’ April 1988. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghax qalet li t-trasferiment ta’ l-art sar ai termini ta’ l-Artikolu 3(1) (e) tal-Kap. 268;

Skond il-konvenut l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal tali konkluzjonijiet u dana ghas-segwenti ragunijiet:
a) Ir-rizoluzzjoni tas-27 ta’ April 1988 saret taht il-Kap. 268 u dana kif tghid l-istess Rizoluzzjoni u kif tghid ukoll ir-Rizoluzzjoni tas-17 ta’ Lulju 1989, u cioe` li qed iggedded ir-rizoluzzjoni tas-27 ta’ April, 1988;

b) Ir-rizoluzzjoni tas-17 ta’ Lulju 1989 titkellem dwar “trasferiment tale quale b’titolu ta’ tpartit (sottolinear ta’ l-esponenti) ta’ art ghal kumpens.....” u taghmel referenza ghall-Artikolu 11 tal-Kap. 303;

c) Ghalhekk l-Artikoli 3(8) u 5(7) tal-Kap. 303, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti mhux applikabbli f’dan il-kaz;

d) L-ewwel Qorti injorat kompletament il-fatt li l-art mertu tal-kawza odjerna kienet koperta b’certifikat ta’ titolu assolut favur il-Gvern mahrug mir-Registratur ta’ l-Artijiet liema certifikat gie esibit f’dawn l-atti u li ghalhekk skond l-Att li jirregola ir-Registrazzjoni ta’ l-Art. (Chap. 296) hemm procedura specjali li tista’ tikkoregi kwalunkwe Certifikat mahrug mir-Registratur ta’ l-Artijiet.

e) Il-Kap. 303 gie mhassar permezz ta’ l-Art. X ta’ l-1988 b’effett mill-4 ta’ Novembru 1988 u ghalhekk l-Artikolu 3(1)(e) tal-Kap. 268 ma kienx japplika f’dan il-kaz ghax “il-ligi specjali” kienet thassret fl-4 ta’ Novembru 1988;

f) l-istess attrici appellata meta intavolat it-talbiet taghha fic-citazzjoni ssottomettiet li r-rizoluzzjoni tas-17 ta’ Lulju 1989 mahruga taht il-Kap. 268 (u mhux taht il-Kap. 303) li kienet ittrasferiet l-art lura lilha;

Ghalhekk il-konvenut appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-mertu u tichad it-talbiet ta’ l-attrici, bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-attrici appellata.

**L-APPELL TA’ L-ATTRICI DWAR L-ISPEJJEZ TAL-KAWZA**

5. L-attrici appellat ukoll mis-sentenza dwar il-kap ta’ l-ispejjez fuq l-aggravju segwenti:
“Is-sentenza taghti ragun lill-appellanti fil-mertu imma twahhalha l-ispejjez tal-kawza billi l-kawza kif maghmula setghet ma saritx. L-aggravju ta’ l-esponenti huwa precizament dwar id-decizjoni ta’ l-ispejjez. Anke jekk wiehed jaccetta li messu kien hemm xi temperament fl-ispejjez minhabba r-ragunijiet li taghtu l-Qorti xorta wahda la darba l-attrici rebhet fil-mertu ma setghetx tigi kkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza. Inoltre ma hux accettat li din il-kawza kienet superfluwa; in-necessita` tal-kawza nholqot mill-atteggjament kostanti tal-konvenut anke tul il-kors tal-kawza li l-art in kwistjoni kienet proprjeta` tal-Gvern. Kieku l-konvenut ha l-atteggjament li l-art kienet ta’ l-attrici, minghajr il-bzonn ta’ xejn izjed, ma kenitx issir l-kawza u naturalment jekk l-attrici taghmilha kien ikun gust li tehel parti mill-ispejjez. Inrealta` dak li gara fis-sentenza kien li l-Qorti ddecidiet il-kontenzjuz veru favur l-attrici u ghalhekk l-ispejjez messhom segwew dan il-kontenzjuz u l-konvenuti gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez”.

Ghaldaqstant l-attrici talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta’ Gunju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li l-art de quo kienet saret ta’ l-attrici ipso jure fis-6 ta’ Settembru, 1988 dak in-nhar li kienet ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern ir-Rizoluzzjoni mghoddija mill-kamra tad-Deputati fis-26 ta’ April, 1988, tirrevokaha in kwantu akkollat l-ispejjez lill-appellanti u b’hekk tiddeciedi li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSARJU TA’ L-ARTIJIET GHALL-APPELL TA’ L-ATTRICI**

6. Il-konvenut wiegeb hekk:
“Illi t-talba ta’ l-appellanti ghandha tigi michuda u dana ghar-ragunijiet espressi fir-rikors ta’ l-appell ta’ l-esponenti fl-ismijiet premessi”.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Minhabba l-komplessita` legali ta' din il-vertenza li fil-verita` giet reza hekk bla bzonn l-aktar in vista ta' l-argumentazzjoni mgebbda da parti tal-konvenut appellant – ikun fl-ewwel lok ferm utli li jinghata sfond qasir tal-fatti.

8.1 Fit-18 ta' Gunju 1985, il-Kamra tad-Deputati approvat dikjarazzjoni tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet li biha xi artijiet, komprizi art li hija proprjeta` ta' l-attrici fil-limiti tal-Kalkara, gew iddikjarati bhala "arja ghall-izvilupp tal-bini" ghall-ghanijiet kollha ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 303 tal-Ligijiet ta' Malta.

In forza ta' dana l-Att (i.e. il-Kap. 303) l-art li kienet ta' l-attrici ghaddiet bi proprjeta` ghand il-Gvern – ara wkoll l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 303 – b'dikjarazzjoni *ad hoc*.

8.2. Fis-26 ta' April 1988, il-Kamra tad-Deputati ghaddiet Rizoluzzjoni "biex tigi revokata safejn tirrigwarda" xi artijiet, kompriza dik li kienet ta' l-attrici, id-dikjarazzjoni precedenti dwar l-"arja ghall-izvilupp tal-bini" kif kontemplat fir-Rizoluzzjoni tat-18 ta' Gunju 1985.

8.3. Fis-17 ta' Lulju 1989, il-Kamra tad-Deputati hasset il-bzonn, in vista ta' xi dizgwid dwar il-portata ta' l-ewwel Rizoluzzjoni, li tapprova Rizoluzzjoni ohra li regghet irribadiet id-disposizzjonijiet revokatorji tar-Rizoluzzjoni mghoddija fis-26 ta' April 1988.

8.4. Fil-25 ta' Lulju 1989, l-attrici interpellat lill-Kummissarju ta' l-Artijiet biex jersaq ghat-trasferiment formali favuriha ta' l-art li kienet ittehditilha billi jsir att notarili ta' trasferiment f'dan is-sens.

8.5. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet baqa' jsostni li r-Rizoluzzjoni tas-17 ta' Lulju 1989 ma kenitx tapplika ghall-art ta' l-attrici. F'kull kaz jghid li kull effett tar-Rizoluzzjonijiet hekk mghoddija kien skada u li ghalhekk hu ma setghax jigi mgieghel jittrasferixxi lura l-art imsemmija lill-attrici.

9. Saru zewg appelli dwar is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-ewwel grad. Sar appell fil-meritu da parti tal-konvenut Kummissarju ta’ l-Artijiet, u sar appell limitatament ghall-Kap ta’ l-Ispejjez min-naha ta’ l-attrici.

10. L-appell tal-konvenut huwa wiehed ta’ indole legali ghalkemm huwa wkoll abbinat ma interpretazzjoni tal-fatti kif sehhew.

L-aggravju ewlieni tal-konvenut hu li, skond hu, ir-Rizoluzzjoni datata 17 ta’ Lulju 1989 ma saritx taht l-Att ta’ l-1983 tal-Arja ghall-Izvilupp tal-Bini imma taht l-Att dwar it-Trasferiment ta’ Artijiet tal-Gvern. Fi kliem iehor skond l-appellant din ir-Rizoluzzjoni ma saritx taht il-Kap. 303 – kif zbaljatament ritenut mill-ewwel Qorti – imma saret invece taht il-Kap. 268 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ir-raguni ghal dan, jissottometti l-appellant, gejja mill-fatt li l-art ta’ l-attrici kienet gia` nel frattemp saret proprjeta` tal-Gvern u allura ma setghetx tigi ttrasferita jekk mhux kif stipulat fl-art. 3 tal-Kap. 268. Skond il-konvenut, ir-Rizoluzzjoni tas-26 ta’ Lulju 1988 ittiehdet taht l-Artikolu 3 (1) (c) tal-Kap. 268, u kwindi kellha biss validita` ta’ tlett xhur. Kien proprju ghalhekk li l-Kamra tad-Deputati hasset il-bzonn li tghaddi Rizoluzzjoni ohra, bhal dik precedenti, fis-17 ta’ Lulju 1989. Billi din it-tieni Rizoluzzjoni wkoll kellha validita` ta’ tlett xhur, anke din ma baqghetx aktar fis-sehh b’effett mis-17 ta’ Ottubru 1989. Sakemm ma jkunx hemm rizoluzzjoni ohra, sostna l-konvenut, it-trasferiment mitlub mill-attrici ma jistax jigi attwat, ghax dan huwa milqut u prekluz mill-Artikolu 3(1) tal-Kap. 268.

11. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, minn qari akkurat tar-Rizoluzzjonijiet mghoddija mill-Gvern fis-26 ta’ Lulju 1988 u mill-gdid fis-17 ta’ Lulju 1989, ghandu jirrizulta sufficjentement car illi dawn iz-zewg Rizoluzzjonijiet gew mghoddijin bl-iskop li jolqtu proprju artijiet partikolari kif “murija fuq il-pjanti” u dan indistintament. Mela jekk fil-pjanti ta’ dawn l-artijiet kienet tirraffigura l-art ta’ l-attrici – fatt mhux kontestat – ifisser li mill-mument li giet fis-sehh l-ewwel Rizoluzzjoni kif jinghad <u>supra</u> l-art ta’ l-attrici li qabel kienet giet iddikjarata area ghall-izvilupp tal-bini sfat mahruga mid-demanju

pubbliku u mmedjatament irrivertiet ghand l-attrici. Kwindi, bil-maqlub ta’ dak li gie sostnut mill-Kummissarju appellant kemm quddiem l-ewwel Qorti u mill-gdid quddiem din il-Qorti, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 286 ma kenux japplikaw ghall-kaz ghax dak li sar u gie attwat sehh in forza tal-Kap. 303.

12. Kif tajjeb allura rriteniet l-ewwel Qorti, ir-Rizoluzzjonijiet surreferiti mghoddija mill-Kamra tad-Deputati kienu intizi biex jolqtu artijiet partikolari u li kienu gia` kolpiti specifikament b’mizuri mehudin taht l-Artikolu 3(8) ta’ l-Att ta’ l-1983 dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini (Kap. 303 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Difatti, l-ewwel Rizoluzzjoni, kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern (hekk ara Dok. V, fol. 9 tal-process) tibda hekk:
“Billi hu mahsub fis-subartikolu (8) ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-Att ta’ l-1983 dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, illi kull dikjarazzjoni maghmula mill-Ministru li biha art f’Malta tigi dikjarata Area ghall-Izvilupp tal-Bini, u addotta jew approvata mill-Kamra, tista’ tigi emendata jew revokata b’dikjarazzjoni ohra maghmula mill-Ministru u illi d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6) u (7) ta’ dak l-Artikolu ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw ghal dikjarazzjoni maghmula taht dak l-imsemmi subartikolu (8) ta’ l-Artikolu 3;

U billi b’rizoluzzjoni mghoddija mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta nru. 258 tat-18 ta’ Gunju, 1985, il-Kamra approvat dikjarazzjoni tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet li biha, fost ohrajn, l-artijiet hawn taht imsemmija......

(U hawn tissemma *inter alia* l-art ta’ l-attrici li tinsab fil-limiti tal-Kalkara maghrufa bhala “tal-Kappuccini”).

... gew dikjarati biex ikunu Arei ghall-Izvilupp tal-Bini ghall-finijiet u effetti kollha ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-Att ta’ l-1983 dwar Arei ghall- Izvilupp tal-Bini.

U billi l-Ministru ghall-Izvilupp ta’ l-Infrastruttura, ghamel dikjarazzjoni biex id-dikjarazzjoni fuq imsemmija tigi revokata safejn tirrigwarda l-artijiet hawn fuq imsemmija

murija fuq il-pjanti annessi mad-dikjarazzjoni ta' l-istess Ministru..." (Sottolinear tal-Qorti).

Din il-Qorti jidhrilha, bhal dik ta' qabilha, li d-dicitura tar-Rizoluzzjoni huwa sufficjentament car u kien intiz proprju biex jinkludi anke l-art ta' l-attrici. Kwindi r-riferenza stinata da parti ta' l-appellant Kummissarju ghall-Kap. 268 ftit taghmel sens u dan billi kif gia` gie osservat, ir-Rizoluzzjoni nfisha tirreferi espressament ghall-Kap. 303 u mhux mod iehor.

13. Ghalhekk il-konkluzzjonijiet u dak li gie finalment deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kien korrett, li jfisser li l-aggravju ta' l-appellant konvenut fil-meritu huwa nfondat u qieghed jigi respint.

**Dwar l-Appell ta' l-Attrici**

14. Din il-Qorti kkonsidrat imbaghad l-appell ta' l-attrici dwar il-kap ta' l-ispejjez. Is-sentenza taghti ragun lill-attrici fil-mertu imma "wahhlitha" l-ispejjez tal-kawza billi l-ewwel Qorti rriteniet li l-kawza kif maghmula setghet ma saritx – l-appellanti attrici ma taqbilx li kellha thallas hi l-ispejjez gudizzjarji. Anke jekk wiehed jaccetta li messu kien hemm xi temperament fl-ispejjez minhabba ragunijiet li qalithom il-Qorti, xorta wahda la darba l-attrici rebhet fil-mertu ma setghetx thallas l-ispejjez kollha tal-kawza, sostniet ukoll l-attrici.

15. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont ta' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, fil-kaz in ezami certament kien hemm lok ghal temperament fil-kap ta' l-ispejjez. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li bis-sahha tar-Rizoluzzjonijiet fuq imsemmija li rrevokaw dak li qabel gie mehud minghand l-attrici u gie moghti lura lilha, ma kien hemm ebda htiega li jsir att notarili ulterjuri ta' trasferiment kif talbet l-attrici fl-att tac-citazzjoni fit-tieni talba taghha. Fid-dawl tar-Rizoluzzjonijiet imsemmija, anke l-ewwel talba taghha, kif dedotta, tidher superfluwa. Fl-istess waqt pero` din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha u ma tiehux kont ta' l-opposizzjoni u intransigenza adottata fil-konfront ta' l-attrici min-naha tal-Kummissarju ta' l-Artijiet biex dak li hija

otteniet in forza tar-Rizoluzzjonijiet fuq imsemmija jigi rikonoxxut. Kien ikun, fic-cirkostanzi, ferm aktar propizju ghall-attrici li tillimita ruhu ghal talba deklaratorja fis-sens li l-art *de quo* irrivertiet ghandha b'effett tar-Rizoluzzjonijiet mghoddijin mill-Kamra tad-Deputati kif fuq inghad u tieqaf hemm. It-triq maghzula mill-attrici, ankorke` d-diffikultajiet li rriskontrat biex tattwa fil-prattika dak li nghata lura lilha minhabba l-attitudini tal-konvenut versu lejha, ma kentix dik idoneja u ghalhekk ghandha certament hi wkoll iggor parti mill-ispejjez gudizzjarji. Fl-istess waqt, l-intransigenza dimostrata mill-konvenut li, kif intqal, fuq kollox lanqas ma kellu ragun fil-mertu tal-vertenza ghandha similment tigi riflessa fuq il-kap ta' l-ispejjez. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li ghandha tilqa' l-appell ta' l-attrici fis-sens li dik il-parti tas-sentenza appellata relattiva ghall-kap ta' l-ispejjez fir-rigward ta' l-ewwel istanza ghandha tigi riformata billi l-ispejjez relattivi ghall-ewwel istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-appell tal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet; tilqa' l-appell ta' l-attrici fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza dwar il-kap ta' l-ispejjez u tirriforma dik il-parti tas-sentenza billi minflok dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom invece jithallsu interament mill-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------